# Il-Ħadd 14.10.2018

1. Illum 14/10 **niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 234 sena** *(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

2. It-Tlieta 16/10:-
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 18/10:-
   - Fid-9:00am, jew ħin ieħor adatt, l-ACN (Aid to the Church in Need) qed tistieden lit-tfal kollha biex jingħaqdu flimkien ma' tfal minn madwar id-dinja kollha f'inizjattiva tat-talba tar-Rużarju għall-ftehim, l-għaqda, u l-paċi fid-dinja.
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mal-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

4. Il-Ħadd 21/10, **Jum il-Missjoni**:
   - Ser issir Lotterija u xi bejgħ ta' Pjanti fuq iz-zuntier tal-knisja, u l-offerta tal-quddies tmur għal dan l-iskop: li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità.

5. Avviżi oħra:-
   - Illum, voluntiera u membri tal-*Malta Hospice Movement* ser ikunu fuq iz-zuntier ta' diversi knejjes, fosthom tagħna, biex iqassmu tifkira maħruġa fl-okkażjoni tal-*'World Hospice and Palliative Care Week'*, kif ukoll ser jilqgħu xi donazzjonijiet biex ikunu jistgħu jipprovdu aktar għajnuna.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:-
   - Illum, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikollna l-Mobile Blood Donation Unit fil-pjazza biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - Dawk ir-residenti li għadhom ma rċevewx il-bin u l-boroz bojod tal-iskart organiku, għandhom jippreżentaw in-nota li tqassmet mill-*Wasteserve* flimkien mal-karta tal-identità fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu jistgħu jingħatawlhom. Dawk li lanqas in-nota ma rċevew għandhom iċemplu lill-*Wasteserve* fuq freephone apposta (80072200) u jħallu d-dettalji tagħhom.
   - Fil-jiem li ġejjin ser titqassam ġewwa djarkom l-iskeda l-ġdida ta' kif ser jibda jinġabar l-iskart b'effett mill-31/10. Din tista' titinżżel ukoll minn fuq il-paġna tal-*facebook* tal-Kunsill Lokali. Qed tintalab il-koperazzjoni ta' kulħadd sabiex l-boroż tal-iskart jinħarġu strettament skont kif indikat fl-iskeda biex b'hekk ikollna l-ordni u l-indafa fit-toroq tar-raħal tagħna.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 305 bħala ġabra b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 180 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.

8. Nitolbu għal Francis Zammit li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa. Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...